



# Omiċidju f'Ħaż-Żebbuġ 2 ta' Frar 1867

## 150 Sena minn meta twettaq dan id-delitt 1867 – 2017

**minn Michael Bonnici**

Fil-ktieb *Delitti f'Malta 1800 – 2000* (Malta 2012), Edward Attard jikteb hekk fuq l-omiċidju li kien seħħ fit-2 ta' Frar tal-1867 f'Ħaż-Żebbuġ:

"Omiċidju ta' serqa kien dak tat-2 ta' Frar 1867, li seħħ f'Ħaż-Żebbuġ. Dakinhar żewġt irġiel daħlu jisirqu mid-dar ta' Toni Cauchi u martu Katarina ta' 50 sena. Dak il-ħin fid-dar ma kien hemm ħadd, għax Toni kien ilu barra xi ftit tal-ħin filwaqt li Katarina kienet ħarġet għall-quddies.

Wara li spiċċat il-quddiesa, Katerina reġgħet lura d-dar, u l-ħallelin kien għadhom iqallbu fid-dar għalhekk, il-mara indunat bihom u x'aktarx għarfithom. Kien għalhekk li l-ħallelin rabtuha u wara fgawha. Il-ħin tal-mewt skont iċ-ċertifikat tal-mewt kien madwar nofsinnhar.

Il-pulizija ma kellha l-ebda evidenza biex tixli lil xi ħadd u għalhekk ħarget proklama tas-soltu li biha nkixef min kien wettaq dan id-delitt. Permezz tal-Proklama ngħatat il-maħfra lil Filippo Abela, wieħed mill-ħallelin li kienu daħlu jisirqu fid-dar ta' Cauchi. Bit-tagħrif li ta' Abela, Filippo Cilia ta' 28 sena u Filippa Vella ġew mixlijin b'dan il-qtil. Filippa Vella kienet baqgħet d-dar u għalhekk, ma nstabitx ħatja. Il-Qorti kkundannat lil Cilia għal għomru l-ħabs wara verdett ta' sitta kontra tlieta".

Peress li dan id-delitt jagħlaq mija u ħamsin sena mindu twettaq, deherli li nagħmel riċerka aktar dettaljata fuqu billi nifli l-proċess tal-Qorti. Il-frott ta' din mir-riċerka qed jiġi ppublikat hawnhekk.




***Ritratt tal-Lapida fi triq 'Wiedes' illum triq Dun Karm Psaila – Ħaż-Żebbuġ li tfakkar il-ġrajja tad-delitt. Il-vittma Katarina Cauchi ta' 50 sena mart Toni Cauchi.***

Dan id-delitt kien kexkex mhux ftit lin- nies ta' dan ir-raħal li kien seħħ fin-niżla li minn Ħal-Dwin tasal għal wied tat-Troll li xi ftit jew wisq dak iż-żmien kien xi ftit diżabitat u ftit kienu r-residenzi.

Kien delitt kiesaħ u biered fuq familja ta' mezzi limitati. Minħabba li l-pulizija ma kellha l-ebda ħjiel ta' min seta' wettaq dan id-delitt (li dak iż-żmien ma kienx għadu żviluppa s-sistema tal-*finger print*) il-pulizija kienet ħarġet bandu uffiċjali għal min seta' jagħti xi ħjiel tal-kaz. Dan huwa magħruf bħala *Queen's/King's evidence* li biha min jagħti tagħrif ta' min wettaq id-delitt anki jekk kien huwa stess li ħa sehem fih ma jeħel xejn. Fil-fatt wieħed milli wettaq id-delitt ħa din l-opportunità u ma ġiex akkużat ma' sħabu.



0314984

FORMULA O
*FORM O*

REGISTRU PUBBLIKU
*PUBLIC REGISTRY*

Jiena, hawn taht iffirmat, b'dan niccertifika illi dan ta' hawn taht huwa ESTRATT veru mill-Att tal-Mewt Nru. registrat fl-Ufficju tar-Registru Pubbliku, il-Belt, Valletta, Malta, skond id-dispozizzjonijiet tal-Kodici Civili (Kap. 16).
*I, the undersigned, do hereby certify that the following is a true EXTRACT from the Act of Death No.* 276 / 1867 *registered in the Public Registry Office, Valletta, Malta, in accordance with the provisions of the Civil Code (Cap. 16).*

| Isem u kunjom tal-mejjet<br>*Name and surname of the deceased* | Jekk hux mizzewweg/ mizzewga jew le, armel jew armla<br>*Whether married or unmarried, widower or widow* | Okkupazzjoni u eta' (snin)<br>*Occupation and age (years)* | Post tat-twelid<br>*Place of birth* | Isem u kunjom il-genituri<br>*Name and surname of parents* | Post u data tal-mewt<br>*Place and date of death* |
|---|---|---|---|---|---|
| CATERINA CAUCHI | WIFE OF ANTONIO CAUCHI | YARN WORKRESS 50 | ZEBBUG MALTA | IGNAZIO MIFSUD (DEAD)<br><br>TERESA MIFSUD NEE' CASSAR (DEAD) | ZEBBUG MALTA Sat. 02 February 1867 |

IDENTITY MALTA
Jacqueline Camilleri
Clerk
Public Registry

UFFICCJU TAR-REGISTRU PUBBLIKU-MALTA
*PUBLIC REGISTRY OFFICE-MALTA*

DIRETTUR
*DIRECTOR*

Dritt imhallas
*Fee Paid* EUR 2.60 Jekk mixtri online/If bought online: EUR 2.50

Date Fri. 24 March 2017

***Kopja tac-ċertikat tal-mewt ta' Katerina Cauchi***

Il-każ ġara fl-inħawi tal-isfel minn Ħal Dwin qrib id-daħla għal Wied tat-Troll. Dak iż-żmien it-triq kien jisimha *strada weides* (illum parti minn Triq Dun Karm Psaila (1871-1961). Tajjeb li wieħed jiftakar li l-kelma *Wiedes* tista tkun ġejja mill-kelma 'wied' fil-plural. Infatti f'dawk l-inħawi hemm tliet widien: Wied il-Baqqiegħa, Wied tat-Troll u b'xi mod Wied Ħesri.

Il-kelma *Wiedes* tista' tkun ġejja wkoll mill-kelma 'wejda' fil-plural li skont Erin Seracino Inglott fil-*Miklem Malti* (1975-1989) tfisser 'id żgħira' jew manku jew imradd li jdawwar ir-rota tar-raddiena tan-newl.

Il-vittma kienet Katerina Cauchi bint Nazju Mifsud u Theresa Cassar. Kienet miżżewġa lil Toni Cauchi u kellhom tifel bl-isem ta' Carmelo. Il-ġuri dam tlitt ijiem: L-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa 3-4-5 t'April 1867.

Fil-Qorti Kriminali:

L-Imħallfin: Dr. Antonio Micallef bb. MG., LL.D.
Dr. Salvatore Naudi Esq. LL.D.
Dr. Ignazio Schembri Esq. LL.D

L-akkużati: Filippo Cilia ta' 28 sena iben Giuseppi minn Ħaż-Żebbuġ
Filippa Vella armla ta' Gejtu Vella xebba Attard ta' 35 sena minn Ħaż-Żebbuġ

Avukati difensuri: Dr. Carmelo Mariani u Dr. Francesco Mizzi.

Inqrat l-akkuża mir-Registratur tal-Qorti.

Il-prosekuzzjoni akkużat lil Filippo Cilia u Filippa Vella b'intenzjoni preċiża tal-post u bil-ħsieb ta' twettiq ta' serq u bi qtil volontarju.

Dan id-delitt twettaq fid-dar ta' Antonio (Toni) u Katerina miżżewġin Cauchi u t-tifel tagħhom Carmelo, ġewwa Ħaż-Żebbuġ Malta fit-2 ta' Frar 1867.

## Is-serqa

Is-serqa kienet tikkonsisti f'ċurkett tad-deheb ta' valur ta' ħames xelini, pendent u labbra tad-deheb u tal-filigranu stmati li jiswew żewġ liri u żewg xelini, u xi oġġetti tal-ħġieġ li b'kollox jiswew mhux inqas minn għaxar xelini, somma ta' tmin muniti ta' flus Sqallin li jsarfu għal erba' xelini, oġġett tal-fidda stmat erba' denari u xi affarijiet oħra tar-ram stmati xelin.

Biex jikkommettu din is-serqa, daħlu billi telgħu mill-ħitanijiet diviżorji tad-dar, żgassaw b'lieva u fethu senduq permezz ta' mfietaħ fejn sabu l-parti l-kbira tal-oġġetti moħbija.



*Dak li naħsbu li huwa l-madwar fejn sar id-delitt – lejn il-Wied tat-Troll.*

Kif kienu qegħdin ġewwa d-dar indunaw li kienet daħlet il-mara (Katerina Cauchi) u ħasbu biex joqtluha billi żammewha minn għonqa u rabtu ma' għonqa maktur.

Għal dan id-delitt u s-serqa l-Avukat tal-Kuruna talab biex dawn iż-żewġ akkużati jiġu ikkundannati għal piena tal-mewt skont l-artiklu 257 tal-kodiċi kriminali kif applikata fil-liġijiet ta' Malta u d-Dipendenzi tagħha jew kwalunkwe piena oħra li tista' tiġi nfurzata kif japplika għal każ tal-lum.

Dan kollu ġie spjegat lill-akkużati bil-lingwa Maltija permezz tal-interpretu Giuseppe Busuttil.

Hawnhekk ir-reġistratur tal-qorti staqsa jekk l-avukati difensuri għandhomx xi eċċezzjonijiet preliminari li riedu jressqu. L-avukati Dr. Marmara u Dr. Mizzi wieġbu li ma kellhom l-ebda eċċezzjoni preliminari x'jissottomettu.

Ir-reġistratur għadda biex isaqsi lil Filippo Cilia u Filippa Vella jwieġbu għall-att tal-akkuża u jekk kellhomx xi eċċezzjonijiet x'jagħmlu. It-tnejn wieġbu li mhumiex ħatja.

Il-qorti mbagħad għaddiet biex taħtar il-ġurati u dawn kienu: Prim Gurat: It-tabib Nicola Zammit, u dawn li ġejjin il-ġurati l-oħra: Paolo Bartolo, Giuseppe Aquilina, Gabriel Arrigo, Giuseppe Arrigo, Giuseppe Attard, Carlo Betra (Senafoe), l-ispiżjar Carmel Arpa u Gavino Bonello. Il-ġurati ħadu l-ġurament skont l-Art. 525 tal-Liġi Kriminali.

L-avukat tal-Kuruna spjega lill-ġurati kif ġraw il-fatti skont l-akkuża u ġew imsejħa x-xhieda.

L-ewwel li xehdu kienu t-Tabib Giorgio Engerer, Tommaso Gatto – it-tobba tal-pulizija ta' Ħaż-Żebbuġ u t-tabib Luigi Salvatore Pisani x'irriżulta mill-awtopsja.

Issejħu jixhdu l-mastrudaxxi esperti Salvatore Camilleri bin Nikola residenti f'Ħaż-Żebbuġ u Giovanni Vella bin il-mejjet Saverio ukoll minn Ħaż-Żebbuġ.

Il-perit Francesco Micallef u l-perit Michele Buttigieg esebixxew ix-xhieda tagħhom permezz ta' mudell tal-injam. *(dak iż-żmien kien għad m'hawnx ritratti għalhekk il-mudell tal-kaz sar permezz ta' mudell tal-injam)*.

Xehed ukoll is-surġent maġġur tal-pulizija Felice Cauchi.

Fil-kontro-eżami l-Avukat Francesco Mizzi għall-akkużati ippreżentaw l-argumenti tagħhom.

Xehdu wkoll il-Kuntistabbli Giuseppe Magri, Salvatore Vella bin il-mejjet Filippo minn Ħaż-Żebbuġ, il-kuntistabbli Giuseppe Magri, u Grazia Zammit, armla ta' Antonio minn Ħaż-Żebbuġ, Saveria, il-mara tal-Salvatore Fenech minn Ħaż-Żebbuġ u Carmela, it-tifla ta' Michele Zerafa minn Ħaż-Żebbuġ. Grazia, il-mara ta' Fortunato Zahra minn Ħaż-Żebbuġ li tat ix-xhieda tagħha u semmiet lil Ġużeppa ta' Marmaran u Maria ta' Masġar.

Fuq talba tal-avukat tal-kuruna ġew imsejħa biex jixhdu addizzjonalment Adeodata Vancel u t-tifla ta' Tommaso Zahra.

L-avukati difensuri oġġezzjonaw għal din ix-xhieda għax minn dak li jintqal tista' tiġi preġudikata l-interessi tal-akkużati.

Inqara d-digriet tal-maħfra ta' Filippo Abela li kien ħareġ il-Gvern permezz tal-proklama u dan ġie spjegat bil-lingwa maltija lill-Qorti.



***Ritratt tal-madwar tal-post fejn seta' sar l-omiċidju.***

Xehdu wkoll Filippo Farrugia bin il-mejjet Paolo, Nicola Farrugia bin il-mejjet Angelo

Giovanni Cassar iben Giuseppe, Teresa Buhagiar, il-mara ta' Salvatore lkoll minn Ħaż-Żebbuġ.

Agostino Camilleri iben il-mejjet Angelo, Grazia Cachia l-mara ta' Paolo, Rev. Arċipriet Pietro Bartolo, in-negozjant Giuseppi Magri, is-supretindent tal-pulizija Ettore Zimelli.

L-avukat tal-Kuruna iddikjara li ma kellux aktar xhieda xi jressaq. Għar-rigward tax-xhieda li ġew ippoponuti biex jixhdu fis-seduta ta' qabel, il-Qorti ma laqgħetx it-talba tal-avukat tal-Kuruna.

Il-ġurati daħlu biex jiddilliberaw il-ġudizzju tagħhom. Dan irriżulta li b'sitt voti kontra tlieta jsibu lil Filippo Cilia bħala ħati skont l-akkuża u lil Filippa Vella ma kienx hemm provi suffiċjenti li kellha x'taqsam direttament mad-delitt.

Finalment il-qorti ddikjarat lil Filippo Cilia ħati tal-akkuża iżda inkonsiderazzjoni li l-vot ma kienx unanimu - ta' sitt kontra tlieta ikkundannatu għal għomru l-ħabs b'xogħol iebes waqt li Filippa Vella ġiet illiberata.

Ta' min iżomm quddiem għajnejh li ma kienx possibbli li jingħata rakkont sħiħ tax-xhieda kollha minħabba esiġenzi tal-ispazju limitat għal din il-pubblikazzjoni.

Traduzzjoni mil-lingwa Taljana: Dott. Gerald Bugeja B.A.,D.Litt.(Pisa) u Michael Bonnici Dip. Soc.Stud.(H&S) UoM.

**Ħajr lil:** Dr. Charles Farrugia BA(Hons.) M.A.,(History) MA., (Archives) M.Sc.,(Newcastle) – Arkivista Nazzjonali, Mr. Noel d'Anastas B.LAIS (Melit), M.Mal.Stud (Melit),Dip.LIS,A.Mus.LCM u Mr. Mario Cassar mill-Arkivji Nazzjonali. Rev. Arcipriet Dun Daniel Cardona, RoseAnne Borg u Lora Bonnici mill-parroċċa Ħaż-Żebbuġ.



BANDA SAN FILEP A.D.1851